MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 391/2010

Kawza fil-lista: 68

**A B**
**vs.**
**C (C) B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu hawn Malta fis-6 ta’ Gunju 1998, u minn din l-ghaqda ma kienx hemm tfal; li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; li l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew

aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur; li l-partijiet, ghalkemm ma kinux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg; ghalhekk l-attur qieghed jitlob li din l-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg.

Rat li l-konvenuta ipprezentat ir-risposta taghha fejn eccepiet illi jekk iz-zwieg taghha mal-attur huwa null, ir-raguni jew ragunijiet ghal tali annullament zgur m'humiex imputabbli lilha; li kien l-attur li qarraq bil-konvenuta tant li anke gieghlha taghmel separazzjoni tal-beni sabiex hadilha sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, taht l-iskuza li ahjar tiffirmalu ghaliex kien ser idur fuqha id-Dipartiment tat-Taxxi; li l-attur ghex hajja ta' ingann mal-konvenuta u ma qdiex l-obbligi tieghu ta' ragel mizzewweg u ghamel hafna kondizzjonijiet ghall-hajja mizzewga kif jigi pruvat waqt il-kawza; li l-attur ha l-kunsens tal-konvenuta b'qerq u eskluda elementi importanti ghal hajja mizzewga; li ghahekk jekk din il-Qorti ssib li z-zwieg taghha mal-attur huwa null dan ghandu jigi attribwit lill-attur bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqatghu kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta' Gunju 1998, huwa null fil-ligi ai termini tal-artikolu 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Il-partijiet iltaqghu fuq il-post tax-xoghol meta l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 17 il-sena. Damu f'relazzjoni

ghal circa seba’ snin qabel ma ddecidew li jiehdu l-pass taz-zwieg. Fl-gherusija kien hemm diversi drabi fejn hadu break minn xulxin. Ma tantx kienu jiltaqghu  ghaliex it-tnejn kienu impenjati, specjalment l-attur li wara x-xoghol kien jaghmel training tal-futball kuljum jew imur il-gym, filwaqt li fil-weekend kien ikun attiv fil-loghob tal-futbol. Anke meta johorgu flimkien, kienu hafna drabi jkunu fil-kumpanija ta’ koppji ohra. Huma kienu komdi f’din ir-relazzjoni fejn kellhom il-liberta taghhom.

Minkejja li r-relazzjoni taghhom kienet iktar wahda ta’ hbieb milli gharajjes, huma xorta wahda ddecidew li jghaddu ghal hajja mizzewga u dana peress li kien ilhom daqshekk f’relazzjoni flimkien, certu kummenti u certi aspettattivi tal-familjari u tas-socjeta` in generali, iz-zwieg kien qisu l-pass naturali li jmiss. Huma ma ghamlux wisq preparamenti ghat-tieg jew ghall-post ghax sabu kollox lest. Inoltre huma dahlu ghall-hajja mizzewga bil-kondizzjoni li jibqghu jghixu fil-liberta li kellhom fl-gherusija. F’ghajnejn l-attur, iz-zwieg kien ifisser li ser jinqata’ l-iskarigg biex imur jiltaqa’ mal-konvenuta! Ir-ragunament kien fis-sens li ser ikunu iktar komdi. Il-fatt li meta wasal vicin il-jum tat-tieg kien ghadu qed ihossu indifferenti, kien hassbu lill-attur u fil-fatt kien anke ssuggerixxa li jhassru kollox. Izda l-konvenuta riedet illi t-tieg jibqa’ ghaddej ghax kienu waslu fi stadju wisq avvanzat fil-preparamenti biex jikkancellaw kollox.

Il-partijiet xehdu illi maz-zwieg il-hajja taghhom ma tantx inbidlet fis-sens li kienu zewg individwi li jghixu taht l-istess saqaf, iktar milli koppja li tghix hajja wahda maghquda. Lanqas kienu jieklu flimkien. Gie zmien ukoll fejn il-konvenuta bdiet tahdem fil-weekend u ghalhekk ftit li xejn baqghu jiltaqghu stante li dak kien l-uniku hin li kellu l-attur minghajr xoghol jew loghob tal-futbol. Huwa kien johrog ma’ shabu u l-konvenuta m’oggezzjonatx dwar dan.

Rigward il-hajja intima u sesswali tal-partijiet, jidher li kemm qabel u kemm wara z-zwieg, l-att taz-zwieg rarament kien isir bejn il-partijiet izda dejjem bi prekawzjoni. Il-partijiet ma xtaqux ulied u r-rabta li dawn

igibu maghhom. Stante li l-partijiet komplew jiddistakkaw irwiehhom fiz-zwieg, madwar tliet snin wara z-zwieg, il-hajja sesswali taghhom spiccat u ma baqghux javvicinaw lil xulxin. Jidher li lanqas gibda bejniethom ma kien ghad baqa'.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Huwa manifest illi l-partijiet eskludew b'att posittiv tal-volonta` taghhom l-obbligi essenzjali ghall-hajja konjugali senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka u il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Ghalkemm esternament huma ghaddew minn cerimonja ta' zwieg, internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghhom huma eskludew l-obbligi essenzjali ghall-hajja mizzewga

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini 19(1)(f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fis-6 ta' Gunju 1998.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------